FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 14 TA' MEJJU 2002

PULIZIJA
SPETTUR CARMELO BARTOLO
VS
JOE FENECH

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joe Fenech ta' 38 sena, iben Saviour u Maria nee Vella, imwieled Canada nhar id-19 t'April 1960 u li joqghod 7A, Triq l-Etna, Mellieha u li ghandu il-karta tal-identita bin-numru 97883M talli nhar it-30 t'April 1997, u matul ix-xhur ta' qabel f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamel qliegh ghad-dannu tal-Korporazzjoni tat-Telemalta.
b. Talli f'daw il-gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi bi hsara ta' haddiehor u cioe tal-Korporazzjoni tat-Telemalta ghamel xi qliegh iehor b'qerq.
c. Talli f'dawn il-gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat u cioe telecard falza.
d. Talli f'dawn il-gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid u cioe il-

Korporazzjoni tat-Telemalta id-disinji jew mudelli ta' manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta' dawn id-disinji jew mudelli iffalsifikati jew imbiddla jewkk minn haddiehor minghajr il-kunsens tas-sid.

e. Talli f'dawn il-gzejjer, fl-sitess perjodu ta' zmien u cirkostanzi ghal qliegh jew bi skop ta' kummerc, bena, bidel, ghamel, ipposseda, biegh jew xtara xi apparat li bih ikun jista jikkonnetti kontra l-ligi ma sistema tat-telekomunikazzjoni.

f. Talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi ikkommetta reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba il-kariga tieghu kellu id-dmir li jimpedixxi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija.

Rat il-verbal tat-28 ta' Novembru 2001 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni b'mod specjali ghall-istqarrija tal-imputat jirrizulta illi l-ufficjal prosekutur kien gie moghti struzzjonijiet biex jinvestiga kaz ta' bejgh u uzu ta' telecards foloz. Il-pulizija kienet ghamlet diversi patrols u investigaw numru ta' nies, wiehed minnhom l-imputat. Saret tfittxija fir-residenza tal-imputat u s-Surgent Anthony Portelli kien informa lill-ufficjal prosekutur illi l-imputat kien ikko-opera bis-shih mal-pulizija u giet esebita it-telecard dok CB1 li mhijiex telecard mahruga mill-Maltacom.

Meta gie investigat l-imputat ammetta kollox mal-pulizija u cioe illi huwa kien xtara din it-telecard minghand certu persuna Tony Spiteri u li kien ghamel uzu minn din it-telecard sabiex icempel overseas numru 0044455611803.

Din l-istqarrija giet esebita bhala dok CB2 u giet iffirmata mill-imputat u mis-Surgent Portelli u l-ispettur Bartolo.

PS562 Anthony Portelli ikkonferma ix-xhieda tal-ufficjal prosekutur u l-istqarrija dok CB2.

Il-prova tar-ricediva saret permezz ta’ sentenza dok CB3 a fol 85 et seq.

L-imputat ghazel li ma jixhidx u mit-trattazzjoni tad-difiza din il-Qorti ma tistax takkolji dak illi gie sottomess stante li l-imputat fl-istqarrija tieghu ghamel ammissjoni piena.

Madanakolu din il-Qorti ma tistax issib htija fuq l-ewwel akkuza stante li mill-provi ma irrizulta ebda xrara ta’ prova illi turi illi l-imputat ghamel uzu minn xi artifizzji jew frodi komplikat li bih wettaq dak li ghamel.

Illi ghaldaqstant il-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni, t-tielet, r-raba, hames u s-sitt akkuza, mhux hati tal-ewwel akkuza u wara li rat Art 188, 186, 187, 298, 298(a), 300, 17(b), 141, 31, 20, 23 tal-kap 9 u Art 9 tal-kap 152 tilliberah bil-kondizzjoni lima jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti tirrakomanda illi l-imputat ma jitlifx il-post tax-xoghol tieghu stante illi jidher min dawn il-proceduri illi tghallem il-lezzjoni darba ghal dejjem.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA

DEP.REG.